MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 737/2003

**Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance PLC kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Albert Briffa u l-istess Albert Briffa f'ismu proprju u permezz tar-rikors tas-17 ta' Mejju, 2004 Atlas Insurance Limited assumiet l-atti minflok Atlas Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Kenneth Cacciattolo**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' disa' mija u tletin lira Maltin (Lm930) rapprezentanti danni rizultanti minn kollizjoni li grat fil-15 t'April, 2002 waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura KEN 811 habat mal-vettura AAM 024 misjuqa minn Albert Briffa.

Ra r-Risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa illi t-talba ta' l-atturi ghandha tigi michuda bl-ispejjez billi l-incident stradali ma kienx jahti ghaliha.

Sema' x-xhieda ta' PS 1586 Ronald Attard, Albert Briffa u Josephine Briffa u ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra li l-konvenut qatt m'attenda ghas-seduti quddiem it-Tribunal, ma xehedx u lanqas ma ressaq provi.

Ra li fis-seduta tal-25 t'Ottubru, 2004 l-istadju tal-provi gie ddikjarat maghluq u li l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi Albert Briffa xehed illi dakinhar ta' l-incident huwa kien qed isuq il-karozza AAM 024 niezel minn Triq il-Kostituzzjoni. Il-kollizjoni grat fil-genb tal-knisja tal-Mosta. Huwa qabez il-bus stop u qabel ma gie fil-pjazza fejn huwa maghruf bhala "hdejn il-funtana ta' l-iljun", mill-parking bay min-naha tax-xellug kienet hierga coach tat-turisti u huwa waqaf biex il-coach tkompli hierga. Hekk kif kien wieqaf giet il-karozza misjuqa mill-konvenut u dahlet fil-karozza tieghu minn wara. Huwa ra l-*Front To Rear Form* esebit fl-atti li turi kif spiccaw il-vetturi mad-daqqa. Id-daqqa ma kienetx zghira. Id-danni tieghu gew imhallsin mill-assigurazzjoni attrici hlief ghall-*excess*. Wara l-habta hu u d-driver l-iehor tkellmu biex issir il-*Front To Rear Form* u anki kellmu lill-pulizija li qalilhom l-istess haga.

Josephine Briffa kienet riekba ma' Albert Briffa Briffa u kkonfermat il-verzjoni li ta Albert Briffa ta' kif sehh l-incident. Fil-fatt hija ziedet tghid li wara l-incident hija kellmet lill-konvenut u qaltlu "mela ma rajtniex wieqfin?" u r-risposta tal-konvenut kienet li ma kienx induna bihom.

PS 1586 Ronald Attard xehed illi ftakar li dakinhar ta' l-incident iz-zewg sewwieqa gew l-ghassa u hu ndikalhom li kellhom jaghmlu l-*Front To Rear Form*. Dan jinsab anki kkorroborat mill-okkorrenza esebita.

Illi mill-provi prodotti m'hemmx dubju illi ghall-incident jahti unikament il-konvenut li fil-mument li l-vettura misjuqa minn Briffa kienet wieqfa, hu baqa' diehel go fiha. Huwa evidenti li l-konvenut ma kienx qed izomm *a proper lookout* tant illi, kif xehdet mart l-attur *a tempo vergine*, qal li ma kienx induna li l-karozza ta' quddiemu kienet waqfet.

Dwar id-danni l-atturi pprezentaw nota kkorroborata b'dokumenti li jindikaw id-danni ammontanti ghal disa' mija u hamsa u tletin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm935.21c). Id-danni gew debitament ikkorroborati b'ircevuti u ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li t-talba ta' l-atturi kif imressqa tinsab sodisfacentement ippruvata u dan billi fil-fatt, in-nota fuq imsemmija tindika danni aktar minn dawk mitluba fil-kawza.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' disa' mija u tletin lira Maltin (Lm930) bl-ispejjez b'dan illi l-interessi jibdew jiddekorru mit-13 ta' Frar, 2004 li tirrizulta li hija d-data meta l-konvenut gie notifikat bl-Avviz odjern.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------